MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 20/2006

**George u Manwel Magro**

**vs**

**Mondial Holidays**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-3 ta' April 2006 fejn ir-Rikorrenti talbu danni ta' circa elf u mitejn Lira Maltin (Lm1200) kif ukoll danni morali minhabba vjagg lejn il-Karibew u Miami li spiccaw vittma ta' Urugan.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u Louise Attard (Tour Leader) u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti bbukjaw Cruise lejn il-Karibew u Miami minghand id-ditta ntimata u neffqet sitt mitt Lira Maltin (Lm600) ghal kull ras. Meta waslu il-Karibew kien hemm Urugan u kellhom jghaddu erbat ijiem u ljieli f' postijiet degradanti ghall-umani kif ukoll qed jigi allegat li l-intimati kienu jafu bl-Urugan.

2. L-intimat issottometta illi ma kienux jafu bl-Urugan u kellhom ordnijiet mill-Awtoritajiet sabiex jorqdu hemm.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li r-Rikorrenti zgur li ma ghandhom tort ta' li gara u talli ma hadux gost u talli l-vaganza taghhom giet imhassra u min-naha l-ohra trid twiezen il-fatt li l-intimat ma kienx jaf bl-urugan u ghalhekk irid jibbilancja d-drittijiet tal-Konsumatur kif ukoll d-drittijiet tan-negozjant. F' dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300) ghal kull persuna ammontanti ghal sitt mitt Lira Maltin (Lm600) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

L-appell ipprezentat mid-ditta intimata fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu ghal kollox identiku ghal dak fl-ismijiet "Josephine Magro -vs- Mondial Holidays" (Avviz Numru 19/06), trattasi ta' l-istess mertu dedott u ta' l-istess fatti kostitutivi tad-dritt azzjonat;

Ghall-evitar ta' ripetizzjoni ta' l-istess konsiderazzjonijiet zvolti f' dik il-kawza, deciza llum stess, il-Qorti qed taghmel referenza ghalihom u taghmilhom applikabbli *mutatis mutandis* ghall-appell prezenti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi akkolt u s-sentenza appellata revokata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------